# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 77**

**Rikors numru 1214/18/1 TA**

**Valhmor Borg Import Export Limited (C-3062)**

**v.**

**SM (Marketing) Limited bħala s-soċjetà debitriċi prinċipali u Stephen Galea u Mark Bezzina bħala l-garanti flimkien u in solidum mas-soċjetà debitriċi prinċipali**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-konvenut Mark Bezzina (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-appellant) minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2020, u li hija dwar azzjoni għal ġbir ta' kreditu, mibdija mill-kumpanija 'Valhmor Borg Import Export Limited' (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-appellata);

2. B'rikors maħluf tal-5 ta' Diċembru, 2018, Joseph Azzopardi, għan-nom tal-attriċi appellata spjega li l-kumpanija SM (Marketing) Limited għandha tagħti lil Valhmor Borg Import Export Limited is-somma globali ta' €25,756.07, li tirrappreżenta l-prezz bilanċjali dwar diversi konsenji ta' prodotti għall-konsum. Tgħid li minkejja li talbet lill-intimati kemm-il darba sabiex iħallsuha t-tali ammont bilanċjali, dan kien kollu ta' xejn għaliex dawn baqgħu m'għamlu xejn minn dak mitlub. Peress li skont l-appellata, l-kreditu mertu tal-kawża huwa ċert, likwidu u dovut, u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu, l-attriċi appellata talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*
>
> *2. Tikkundanna lill-intimati flimkien u nsolidum jħallsu l-ammont bilanċjali komplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u sitta u ħamsin ewro u seba' ċenteżmi (Euro 25,756.07) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Frar 2017 sal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriża dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Frar 2018 u tal-10 ta' Ottubru 2018, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jkun ntavolat kontestwalment mal-preżenti, kontra l-intimati llkoll li huma nġunti għas-subizzjoni."*

3. Rat li minkejja li fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020, l-Ewwel Qorti tat lill-intimati ż-żmien ta' għoxrin jum sabiex idaħħlu t-tweġibiet tagħhom, l-intimati baqgħu ma ressqu l-ebda risposta, u b'hekk fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2020, ġew meqjusa bħala kontumaċi;

4. Rat li b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2020, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li astjeniet milli tqis l-ewwel talba, laqgħet it-tieni talba u kkundannat lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom iħallsu l-ammont bilanċjali kumplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija sitta u ħamsin ewro u seba' ċenteżmi (€25,756.07), u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2017. L-intimati ġew ukoll ordnati sabiex iħallsu l- ispejjeż tal-kawża, flimkien ma' dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Frar, 2018 u tal-10 ta' Ottubru, 2018, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie preżentat kontestwalment mal-kawża;

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Bezzina li fih spjega li huwa ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti u dan safejn instab responsabbli *in solidum* mal-kumpanija debitriċi SM (Marketing) Limited. Jgħid li huwa qatt ma kkostitwixxa lilu nnifsu garanti solidali mal-istess kumpanija, u b'hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba tal-attriċi safejn ġiet imressqa kontrih. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti stess stqarret li kien Stephen Galea li kkostitwixxa ruħu garanti solidali għall-kumpanija SM (Marketing) Limited u b'hekk jinsisti li ma kellux jinstab responsabbli għall-kreditu pretiż. Minħabba f'hekk, huwa talab lil din il-Qorti sabiex: *"tvarja d-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-14 ta' Lulju, 2020 kwantu dina ikkundannatu flimkien u in solidum mas-soċjetà intimata għall-ħlas tal-ammonti bilanċjali komplessiv ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija sitta u ħamsin ewro u seba' ċenteżmi (€25,756.07), flimkien mal-imgħaxijiet*

*legali mit-28 ta' Frar 2017, u dan bl-ispejjeż tal-kawża, flimkien ma' dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Frar 2018 u tal-10 ta' Ottubru 2018, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie preżentat kontestwalment mal-kawża u filwaqt li tiddikjara li l-esponent appellant ma ikkostitwixxiex ruħu bħala granti solidali mas-soċjetà intimata, tilliberah minn kull responsabiltà personali kwantu l-ħlas tal-imsemmi ammont bilanċjali, l-imgħaxijiet, u l-ispejjeż, u dan bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kwantu l-esponent appellanti, jiġu sopportati mis-soċjetà intimata;"*

6. Rat ir-risposta tal-attriċi appellata li ġiet imdaħħla fil-20 ta' Awwissu, 2020, u li fiha tirribatti li l-appell ta' Mark Bezzina huwa frivolu u vessatorju għaliex m'huwa minnu xejn li l-appellant qatt ma kkostitwixxa lilu nnifsu garanti solidali flimkien mal-kumpanija SM (Marketing) Limited. Tirreferi għal 'Dokument B' li ġie mehmuż minnha flimkien mar-rikors maħluf u tgħid li kien l-appellant stess li talab tletin ġurnata kreditu għall-kumpanija konvenuta u dan taħt garanzija personali u *in solidum* flimkien mal-istess kumpanija. Tgħid ukoll li mill-istess dokument jirriżulta li l-appellat Stephen Galea kien garanti addizzjonali u daħal għall-obbligazzjoni tal-garanzija personali u solidali flimkien mal-appellant u mal-kumpanija intimata. Filwaqt li tinsisti li l-*'credit agreement'* huwa ċar, tissottometti li f'kull każ l-appellant lanqas biss indenja ruħu li jirrispondi għall-kawża, jew għall-inqas iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, u dan minkejja li l-Ewwel Qorti tatu ċ-ċans biex jagħmel hekk. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi

appellata qiegħda għalhekk titlob lil din il-Qorti sabiex *"tiċħad l-aggravji tal-appellant, tiddikjara li dan appell huwa wieħed frivolu u vessatorju u tikkundanna lill-appellat iħallas l-ispejjeż doppji"*;

7. Semgħet it-trattazzjoni waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru, 2022, u rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

9. Din hija azzjoni għall-ġbir ta' kreditu li nfetħet kontra l-kumpanija SM (Marketing) Limited bħala debitriċi prinċipali tal-attriċi appellata, kif ukoll kontra l-appellant Mark Bezzina u l-konvenut Stephen Galea, fil-vesti tagħhom bħala garanti flimkien u *in solidum* għall-istess kumpanija debitriċi prinċipali. Il-kreditu prinċipali nħoloq wara li l-attriċi appellata kkunsinnat diversi prodotti għall-konsum lill-kumpanija SM (Marketing) Limited, u dan fuq ordnijiet tal-kumpanija SM (Marketing) Limited stess;

10. Meqjusa n-natura tat-tilwima, din il-Qorti titlaq biex tgħid li f'azzjonijiet ta' din ix-xorta, huwa l-kreditur li l-ewwel irid iressaq provi tajba biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti dwar l-eżistenza tal-kreditu li dwaru jkun beda l-kawża. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Maria***

***Stella Calleja v Brian Degiorgio***, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2022).[1] F'każ li l-attur jonqos milli jipprova l-eżistenza tal-kreditu, allura b'applikazzjoni tal-prinċipju *actore non probante reus absolvitur,* il-konvenut jiġi meħlus mill-morsa tal-pretensjonijiet tal-kreditur, u dan irrispettivament minn jekk huwiex kontumaċi jew le. Min-naħa l-oħra, jekk il-kreditur jirnexxielu jipprova l-eżistenza tal-kreditu, imbagħad ikun jaqa' fuq il-konvenut li jressaq provi tajba biżżejjed sabiex ixejjen it-talbiet tal-kreditur (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Paul Fenech v. Carmel Cortis*, **deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Settembru, 2022, kif ukoll il-ġurisprudenza relevanti hemm imsemmija);[2]

11. F'dan il-każ, l-aggravju waħdieni tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issibu responsabbli flimkien mal-konvenuti l-oħra, u dan għaliex skont l-istess appellant, huwa qatt ma kkostitwixxa lilu nnifsu bħala garanti solidali mad-debitur prinċipali, u ċjoè l-kumpanija konvenuta SM (Marketing) Limited;

12. F'dan il-kwadru, jibda biex jingħad li kemm minn kif jipprovdi l-Artikolu 1089 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll minn kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, is-solidarjetà titwieled jew għax espressament ipprovduta mil-liġi jew inkella bir-rieda tal-partijiet. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited v. Mario***

[1] App. Ċiv. Nru. 691/2014/1.
[2] Rik. Nru. 1249/2011CFS (mhux appellata).

***Pickard pro. et. noe***., deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 2005);[3]

13. Wara li qieset dan kollu fid-dawl tal-provi in atti, din il-Qorti ma tarax li b'xi mod jew ieħor tista' taqbel mal-appellant, li huwa qatt ma kkostitwixxa lilu nnifsu bħala garanti solidali flimkien mal-kumpanija SM (Marketing) Limited;

14. Kif tgħid tajjeb l-attriċi appellata, minn ħarsa lejn 'Dok. B' li ġie mehmuż flimkien mar-rikors maħluf u li huwa ntitolat bħala '*Credit Agreement'*,[4] jirriżulta li jeżisti ftehim bil-miktub li bih l-appellant intrabat f'ismu personali bħala garanti *in solidum* flimkien mal-kumpanija SM (Marketing) Limited, u dan għall-kwalunkwe kreditu bilanċjali li seta' jsir dovut minn SM (Marketing) Limited lill-attriċi appellata. Kemm hu hekk, f'dak id-dokument, li tiegħu l-appellant huwa firmatarju, hemm imniżżel hekk: *[t]he undersigned request 30 days credit* ***under personal and joint liability****, i) for any unpaid balance due to Valhmor Borg Imp/Exp Ltd; ii) to inform our Accounts Department of changes in ownership or management of the above mentioned business during the validity of this agreement"*. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-kliem huwa ċar biżżejjed, u l-appellant ma qal xejn għaliex dan il-kliem m'għandux jinftiehem b'dan il-mod;

---

[3] App. Ċiv. Nru. 2100/2002/1PS.
[4] Fol. 6.

15. F’dawn iċ-ċirkustanzi, ġaladarba ma sar l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti safejn sabet li l-kreditu pretiż mill-attriċi appellata huwa tassew dovut minn SM (Marketing) Limited; allura, l-appellant bħala garanti *in solidum* tal-istess SM (Marketing) Limited, ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex ukoll tilqa’ t-tieni talba fil-konfront tiegħu. (Ara f’dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta’ ***Emanuele Baldacchino v. Joseph Schembri***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-2 ta’ Diċembru, 1963;[5] u ***Borg and Aquilina Limited v. John Cuschieri u Pierre Galea**,* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-5 ta’ Marzu, 2010[6]);

16. F’dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti għalhekk ma tarax li tista’ tilqa’ l-appell tal-konvenut, u b’hekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ser tkun qed tiġi kkonfermata għal kollox;

17. Jifdal biss it-talba tal-attriċi appellata sabiex il-Qorti tqis dan l-appell bħala frivolu u vessatorju, u tikkundanna lill-appellat iħallas l-ispejjeż għal darbtejn. F’dan ir-rigward, l-attriċi appellata tissottometti li l-appell sar biss għall-finijiet ta’ ħela ta’ ħin u bit-tama li sakemm jiġi deċiż l-appell, l-attriċi tilħaq teżegwixxi t-titolu eżekuttiv tagħha fil-konfront tal-konvenuti l-oħra li m’appellawx mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Issemmi wkoll li l-

[5] Kollez. **Vol: XLVII.i.565.**
[6] App. Ċiv. 287/2008/1PS

appellant lanqas biss ma wieġeb għall-kawża u għalkemm ingħata ċ-ċans ukoll biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant naqas milli saħansitra jagħmel hekk;

18. Għalkemm fiha nfisha l-kontumaċja hija meqjusa bħala kontestazzjoni għat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf (ara f'dan is-sens ***Charles Saliba v. Salvu Borg,*** Appell Ċivili, tas-27 ta' Ġunju, 1997), din il-Qorti hija tal-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, l-attriċi appellata għandha tassew raġun meta targumenta li l-appell ta' Mark Bezzina huwa fieragħ u vessatorju. F'dan il-każ, il-prova ewlenija dwar il-garanzija *in solidum,* u ċjoè l-kopja tal-*'credit agreement'* li ġie ffirmat mill-appellant stess, ġie mehmuż flimkien mar-rikors maħluf li ġie notifikat lill-appellant fit-8 ta' Jannar, 2019.[7] L-appellant kien għalhekk jaf, jew għall-inqas messu kien jaf li l-attriċi kienet bdiet il-kawża fil-konfront tiegħu minħabba l-obbligazzjoni li kien daħal għaliha f'dak il-'*credit agreement'.* B'hekk, jekk ried jargumenta li tali *'credit agreement'* ma kienx ifisser dak li kienet qed tippretendi l-attriċi, huwa kien mistenni li jressaq eċċezzjonijiet appożiti, jew għall-inqas iressaq is-sottomissjonijiet finali tiegħu. L-appellant mhux biss m'għamel xejn minn dan, iżda talli fir-rikors tal-appell tiegħu lanqas biss ma ndejna li jlaħħam xi ftit l-aggravju tiegħu u jispjega għalfejn dak il-*'credit agreement'* li ffirma hu stess ma kellux jinftiehem b'tali mod li

[7] Fol. 8 *tergo*.

huwa kien qiegħed jintrabat personalment u flimkien mal-kumpanija SM (Marketing) Limited għal kwalunkwe bilanċ dovut lill-attriċi appellata;

19. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti għalhekk tqis li l-attriċi appellata għandha raġun tgħid li dan l-appell ġie mressaq għall-finijiet ta' ħela ta' ħin, u wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lill-appellant sabiex iħallas lill-attriċi appellata l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għal darbtejn;

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u b'hekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-14 ta' Lulju, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

Peress li din il-Qorti ssib li l-appell huwa fieragħ u vessatorju, tordna lill-appellant iħallas l-spejjeż marbuta mal-appell għal darbtejn u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kap 12.

Il-bqija tal-ispejjeż jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da